Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SITTA U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 12 ta' Novembru 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF (SKUZAT) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   Is-Sur RA gibed l-attenzjoni li fil-laqgha precedenti hu wasal tard ghax fuq l-agenda tieghu il-hin kien imnizzel 5.30pm.

3. **KORRISPONDENZA**
   - Ittra minghand John Galea sabiex jittiehdu prekawzjonijiet u t-triq tal-iskola tinghalaq kif suppost minhabba li kulhadd qed jirriversja bl-addocc fid-drive-ins privati. Is-Sur SC qal li diga qed jitpoggew cones li l-Kunsill xtara fit-tarf tat-triq. Il-Pulizija ghandha tigi nfurmata sabiex dawn jitpoggew regolarment u jitpoggew sew fil-kantuniera ma' Triq Xatbet l-Art
   - Email minghand is-Sinjorina Elizabeth Mallia fejn il-Kummissjoni Festa talbet li l-Kunsill gentilment jipprovdi transport meta il-Kummissjoni torganizza attivitajiet kulturali. Filwaqt li s-Segretarju kienet qed taqra din l-email, gie nnutat il-kumment 'ser taghmlu minn kollox biex taqdu lil kulhadd minghajr distinzjoni'. Hawnhekk is-Sindku interrompa u qal li din li kull darba li tintbaghat email minghand is-Sinjorina Mallia jinghaddew tali kummenti mhux ser jaccettaha iktar. Madanakollu, hu halla f'idejn il-Kunsill sabiex jiddeciedi hu flimkien mieghu jekk din it-talba tistax tigi milqugha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma tantx hemm wisq fejn nistghu inzidu iktar l-infiq rikorrenti. Ghaldaqstant il-Kunsill iddecieda li ghalissa dan huwa l-massimu li l-Kunsill jista' jaghmel ghall-ghaqdiet tal-lokal.

**4. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI OTTUBRU**

Il-Pagamenti gew approvati wara li saru mistoqsijiet fuq dawn il-pagamenti:

**Item 20** – Alka Ceramics – gie spjegat li dan il-pagament jinkorpora fih barra l-ismijiet tat-toroq , il-plattin tal-president, u affarijiet ohra

**Item 34** – Mario Mallia – gie spjegat li dawn huma affarijiet li kienu ordnati ilu u ghalkemm it-tender tieghu spiccat, il-Kunsill kellu commitment sabiex isiru il-pagamenti. Mill-bqija items relatati mat-tender precedenti mhux ser jinxtraw iktar minghand dan il-Kuntrattur

**Item 56** – Is-Sur MS qal li minhabba l-maltemp, hu u s-Sinjura tieghu m'ghamlux uzu mill-kamra bbukkjata u staqsa jekk il-Kunsill jistax jigi rimborsat jew isir uzu minnha f'gurnata ohra

**5. MCCF - MIXJA, BAZAAR U GBIR BIEB BIEB**

Is-Sur SC qal li hu, Is-Sur RB u s-Segretarju Ezekuttiv attendew laqgha mal-President nhar il-Gimgha 31 ta' Ottubru. Minn din il-laqgha hareg li il-Kunsill ghandu jaghmel minn kollox sabiex jorganizza attivitajiet relatati ma' gbir ta' fondi. Ghaldaqstant gie deciz li jigu organizzati dawn l-attivitajiet: Bazaar fit-7 u 8 ta' Dicembru, Mixja kulturali u vizita fil-Palazz tal-President nhar it-8 ta' Dicembru, bil-prezz ta' €10 bhala donazzjoni u €5 ghall-ikel u jekk jifdal hin u zmien isir gbir bieb bieb. Is-Sur SC qal ukoll li s-Socjeta Muzikali La Stella Levantina ha torganizza tournament tal-American Pool bl-entrance fee tkun bejn il-€5 u €10 liema qliegh se jmur kollu ghall-MCCF. Il-Kunsill gie mitlub jiehu sehem u jipprovdi 3 trophies bhala premjijiet. Kulhadd qabel. Is-Sur RB issuggerixxa li din is-sena id-donazzjonijiet kollha jinghataw waqt il-programm tal-istrina nhar is-26 ta' Dicembru.

**6. GNIEN L-ISTAZZJON – BINI TA' REPLIKA TAL-ISTAZZJON**

Is-Segretarju Ezekuttiv resqet ghall-approvazzjoni l-istima tal-Perit Edward Said li hu perit specjalizzat fuq ir-restawr sabiex kif thejja r-rapport ghal Gnien l-Istazzjoni jibqa ghaddej bix-xogholijiet ghal bini tar-replika tal-kmamar tal-Istazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-fond tal-MEPA bhalissa jinsab fl-ammont ta' €23,034.47. F'email mibghuta mis-Sur Cleavon Vella, il-Kunsill inghata struzzjonijiet sabiex l-ewwel issir l-applikazzjoni l-MEPA u galadarba johrog il-permess, ikun jista' jsir id-devoluzzjoni tal-gnien. Kulhadd qabel.

**7. RIVISTA DICEMBRU**

Il-Kunsill gie nfurmat mill-editur li flok ma jsiru hafna write-ups, isir wiehed fejn fih jinghataw l-Awguri ghal Milied us-Sena l-Gdida f'messagg wiehed. Barra minn hekk, isiru zewg artikli ohra, wiehed fuq l-istazzjon u l-iehor fuq il-gemellagg li ha jsehh ma' Elancourt. Is-Sur GB issuggerixxa li l-avviz bil-prezzijiet tar-reklamar jigi nkluz fir-rivista. Kulhadd qabel.

**8. TRANSPORT MALTA**

Is-Sur SC qal li kellu laqgha mas-Sur James Piscopo rigward il-problema ta' Triq il-Linja. Spjega li habta w sabta il-Kunsill rcieva struzzjonijiet minn Audrey Testaferrata de Noto sabiex tinqala' l-bankina ta' Triq il-Linja u l-Kunsill ma kellux alternattiva ohra. Is-Sur RC qal li sa fejn jaf hu, il-Kunsill m'ghandux bzonn permessi biex isiru bankini u lanqas DNO. Is-Sur MS qal li fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill ghaggel. Is-Sur RC qal li ghall-inqas tista' ssir applikazzjoni sabiex isiru speed cushions kbar bhala safety ghal pedestrians. Is-Sur JP Bonnici ppropona wkoll li niktbu lill-Ministru Joe Mizzi u lil Stefano Buontempo li il-Kunsill gie mgieghel jaqla' bankina meta ma' kienx hemm bzonn permess biex din issir. Is-Sur Zammit propona li tintbaghat ukoll ittra lic-Chairman. Kulhadd qabel. Is-Sur RC qal ukoll li tnehhew it-tabelli ta' Triq il-Linja u ma gewx ritornati u li anki fi Triq l-Imdina, in-nies ghada tuza il-lights l-antiki ghax il-godda ghadhom mhux funzjonabbli. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li sar rapport lil Transport Malta.

**9. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Li l-process fil-kawza tal-barriera miexi.
- Talab li jinbidel is-saqaf tal-istage hdejn il-flats tal-Gvern
- Li jinzerghu sigar fil-konka l-vojta hdejn il-flatsijiet
- Li fi Pjazza Tumas Dingli hemm Cipressa kbira fuq in-naha tal-lemin thares lejn il-Knisja li hemm bzonn tinbidel minhabba li ma qabditx u qed tmut
- Talab li f'Masgar Pierre Muscat isir bank u li jsiru sinjali ta' give-way mas-Centre Strip fejn ir-roundabout tal-Flats tal-Gvern

Is-Sur MS ressaq dawn il-punti:

- Irrimarka li fil-laqgha tas-Sindki lanqas kienu nofs il-Kunsilli ta' Malta, waqt il-laqgha hareg ukoll li ha jibda jsir it-tindif tas-swieq fil-berah u ghaldaqstant il-Kunsill mhux ser johrog flus iktar
- Talab li ssir bozza gdida f'Misrah Gwann Pawlu II
- Ikkummenta li ta' sikwit qed ikun hemm il-Pulizija jaghti citazzjonijiet bil-lejl f'Dahlet ic-Cipress u Dahlet ic-Cawsli meta n-nies m'ghandhomx fejn jipparkjaw
- Li jingabar l-iskart iktar spiss minn hdejn il-BI site tal-Iscotts

Is-Sur GB ressaq dawn il-punti:

- Li meta ikunu qed isiru xogholijiet fuq culverts titpogga hadida fuqhom
- Li ssir tabella dead slow kif tidhol minn Triq l-Imdina ghal Triq il-Kbira

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Staqsa fuq il-bozza ta' Triq il-Kappar f'hiex waslet
- Li hemm toqbda fil-hedge ta' Triq il-Mosta sabiex tinzergha bicca lantana

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Li jinzabru s-sigar ma' traffic lights ta' hdejn l-Art at Home li mir-Rabat jaghtu ghall-Attard

Is-Sur JB ressaq dawn il-punti:

- Ghadda kopja ta' ritratt sabiex issir pjanta kif kien propona darba ghat-turisti. Kulhadd qabel
- Li jinxtraw erba dwal beacons u crash barriers ghal meta l-Kunsill ikollu xi xogholijiet urgent
- Li jsir it-tindif ta' Wied Rmiedi sabiex ma nistennewx sa Jannar

**10. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa spiccat fis-7.30pm u giet aggornata għad-9 ta' Dicembru fil-5.00pm

Sindku

Data